

Paġna Ewlenija > ... > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > Taħriġ Tal-professjonisti Tal-  
ġustizzja Networks u strutturi tat-taħriġ tal-UE

## Networks u strutturi tat-taħriġ tal-UE

Bl-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni Ewropea u aktar mobbiltà għal ċittadini Ewropej, ħarġet ħtieġa ċara fl-aħħar deċennju għal taħriġ kontinwu għal ġuristi fil-livell Ewropew. Diversi strutturi Ewropej, stabbiliti bis-sostenn tal-Istati Membri, kif ukoll xi organizzazzjonijiet professjonali jipprovdu dan it-taħriġ, ta' spiss b'sostenn ta' ffinanzjar Ewropew.

### Networks u strutturi ta' taħriġ fuq livell Ewropew

Skont il-ħtiġijiet professjonali u partikolari tagħhom, ġuristi jistgħu japplikaw għal struttura waħda jew strutturi oħrajn li huma ppreżentati fil-qosor hawn. Ukoll, ħafna korsijiet huma offruti minn universitajiet u fornituri ta' taħriġ privat.

### Għall-imħallfin u l-prosekuturi

#### In-Netzwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)

L-EJTN, li ġie stabbilit fis-sena 2000, jiżviluppa standards u kurrikuli ta' taħriġ, jikkoordina skambji u programmi ta' taħriġ ġudizzjarju u jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-istrutturi nazzjonali ta' taħriġ tal-UE għall-imħallfin u l-prosekuturi. Is-segretarju ġenerali tal-EJTN hu bbażat f'Brussell (il-Belġju). Tista' ssib sommarju tal-attivitajiet tal-EJTN [hawnhekk](#).

### Għall-ġuristikollha

#### L-Akkademja tad-Dritt Ewropew (ERA)

L-ERA toffri konferenzi, seminars, korsijiet professjonali ta' taħriġ u dibattiti dwar politiki f'oqsma differenti tad-dritt tal-UE, imfasslin għall-ġuristi kollha. L-ERA tinsab fi Trier (il-Ġermanja). Tista' ssib sommarju tal-attivitajiet tagħha [hawnhekk](#).

#### L-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika - l-Ċentru Ewropew għall-Imħallfin u l-Prosekuturi (EIPA)

It-taħriġ fil-liġi tal-Unjoni Ewropea hi waħda mill-oqsma ta' attività tal-EIPA. It-taħriġ hu mfassal għal imħallfin, ġuristi, ċittadini u uffiċjali tal-UE u avukati tas-settur privat. L-EIPA għandu ċentri f'Maastricht (in-Netherlands), il-Lussemburgu, Barċellona (Spanja) u Varsavja (il-Polonja). Tista' ssib sommarju tal-attivitajiet tagħha [hawnhekk](#).

### Organizzazzjonijiet professjonali li jorganizzaw l-attivitajiet ta' taħriġ f'livell Ewropew

Dawn l-organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw il-ġuristi f'livell Ewropew jorganizzaw xi attivitajiet ta' taħriġ fuq bażi *ad hoc*.

## Avukati, barristers, solicitors

Il-Kunsill tal-Kmamar u tal-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati tal-Ewropa - [CCBE](#)

## Nutara

Il-Kunsill tal-Kmamar tan-Nutura tal-Unjoni Ewropea - [CNUe](#)

## Uffiċjali Ġudizzjarji

L-Unjoni Internazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji - [UIHJ](#)

## Netwerks ġudizzjarji fil-livell tal-UE li jikkooperaw mal-EJTN dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew

L-EJTN jiġbor il-korpi nazzjonali tat-taħriġ ġudizzjarju tal-Istati Membri tal-UE u bħala tali hu fl-aħjar pożizzjoni biex jikkoordina u jiżviluppa aktar it-taħriġ ġudizzjarju. Hu jikkoopera ma' netwerks ġudizzjarji oħra fuq livell tal-UE, liema objettivi u interessi relatati mat-taħriġ rispettivi huma ppreżentati fil-folji informattivi li ġejjin:

- In-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli tal-Ġudikatura ([ENCJ \(165.76 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- In-Netwerk ([145.92 KB - PDF](#)) [EN](#) tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea
- L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea ([ACA-Europe \(167.62 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew ([EJN \(158.73 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji Ċivili u Kummerċjali ([EJN-Civil \(148.81 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Ewropej ([AEAJ \(151.58 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Ewropej tal-Liġi tal-Kompetizzjoni ([AECLJ \(150.93 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Medjazzjoni ([GEMME \(147.96 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin tal-Qorti Industrijali ([EALCJ \(153.15 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- L-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Imħallfin fil-Liġi dwar ir-Refuġjati ([IARLJ \(155.73 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- Il-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent ([EUFJE \(152.35 KB - PDF\)](#) [EN](#))
- In-Netwerk Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent ([ENPE \(147.67 KB - PDF\)](#) [EN](#))

Ir-rapport tal-proġett 2013-2014 li jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-EJTN (in-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju) u n-netwerks msemmija hawn fuq hu disponibbli [hawn](#).

---

L-aħħar aġġornament: 12/02/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.